# Il-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu

## *150 Sena Minn Meta Bdiet Tinbena u 75 Sena Mindu Għaddiet f'Idejn il-Patrijiet Franġiskani Konventwali*

Tagħrif miġbur minn **Keith Muscat**



*L-arma tal-Markiż Cassar Desain li tidher fuq il-kwadru titulari.*

Fl-inħawi ta' l-irdumijiet Tal-Maħruq, fis-Seklu Dsatax, inbnew diversi residenzi estivi għan-nobbli u nies għonja. Fl-inħawi tax-Xagħra tal-Bandieri kienu jgħixu wkoll xi gabillotti u sajjieda. Proprju **150 sena** ilu, fl-1854, Dun Ġuzepp Bonavia, is-Sur Santu Pace, il-Konti Theuma Castelletti u s-Sur Manwel Gauci ħarġu l-fondi sabiex tinbena kappella fl-inħawi biex taqdi l-ħtiġijiet tal-kommunità li kienet qed tikber. Nhar is-**16 ta' Awissu 1854** beda x-xogħol tal-bini fuq pjanta tal-Perit Dr. Emanuele dei Baroni Gauci. Ix-xogħol spiċċa nhar 10 ta' Frar 1855 u l-Knisja tbierket mid-Delegat Kappillan tan-Naxxar, Camilleri, nhar il-15 ta' Mejju 1856.

Tajjeb li nfakkru li sa dak iż-żmien San Pawl il-Baħar kien parti mill-Parroċċa Matriċi tan-Naxxar u dik tal-Mellieħa. Il-kwadru titulari, li jirrappreżenta lill-Mandonna bil-Bambin f'ħoġorha u bil-labtu f'idha tal-lemin kien irregalat mill-Kavallier, il-Markiż Filippu Ġakbu Cassar Desain li tiegħu naraw l-arma u l-isem fin-naħa t'isfel tal-kwadru.

Fl-1924, meta Dun Santin d'Amico Depiro kien Rettur, is-sagristija tal-Knisja ġiet imkabbra u fuqha nbniet kamra għar-Rettur. Fl-1927 reġa sar tkabbir, din id-darba fil-Knisja, fuq pjanta tal-Perit Edward Borg Cardona. Fi żmien l-istess Rettur inġiebu żewġ statwi ta' daqs naturali minn Marsilja li tpoġġew f'żewġ niċeċ lejn in-nofs tal-knisja. **Fl-1929** il-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu għaddiet f'idejn l-Ordni Franġiskan u sena wara is-Sur Ġużeppi Bonnici ħadem kanċell tal-ferrobattuto għal wara l-bieb prinċipali.

Fl-1963 inxtraw sett gandlieri tar-ram għall-prima u s-sekonda sabiex jintramaw fil-jiem ta' festa. Fl-1974, Patri Sebastjan Scicluna OFM. Conv. ħadem l-altar mejda ta' l-injam filwaqt li fl-1977 il-kamra li hemm taħt l-orgni, int u dieħel mal-lemin ġiet addattata bħala konfessjonarju b'ijnam tal-parana. Fl-1979 sar sett bankijiet tal-parana għall-knisja li ħadu post is-siġġijiet. Fil-25 ta' Ottubru ta' l-istess sena maltempata qawwija laqtet lil għżejjer Maltin. Il-bini fl-inħawi tal-Knisja tal-Karmnu ġarrab ħsarat kbar u nfetħet it-triq. Il-Knisja ġarrbet ħsarat fil-garigor tal-bejt, fis-saqaf tas-sagristija u fiz-zuntier. Din il-ħsara ġiet irranġata mill-ħaddiema tal-gvern u x-xogħol tlesta fl-1980. Il-knisja hija mgħammra b'żewġt iqniepen li jinsabu fuq in-naħa ta' quddiem u fil-ġenb rispettivament.

Din il-knisja tiġi ndokrata b'dedikazzjoni kbira mis-Sinjorina Carmela Bonnici.